# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 9 ta' Marzu 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**
**(Spettur Kylie Borg)**
**vs**
**Paul Mallia**

**Kumpilazzjoni Nru: 266/2018**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Paul Mallia, ta' 36 sena, bin Carmel u Carmen nee' Agius, imwieled Pieta' fit-13 ta' Awwissu 1981, residenti fil-fond Fleur, Triq il-Kanun, Qormi u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 453181(M).

Akkuzat talli nhar it-30 ta' April 2018 f'xi hin bejn is-1pm u s-2pm, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, anki jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda:-

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt ta' griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Sage Gauci u/jew ta' xi persuna/i ohra, wera' dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezukuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u/jew indipendenti mill-volonta' tieghu;

2. U aktar talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ta' izjed minn elfejn u hames mitt ewro (2,500) liema hsara saret ghad-dannu ta' Rodney Joseph Angelo De Gabriele, Sage Gauci u/jew persuni u/jew entita/jiet ohra;

3. U aktar talli fl-istess cirkostanzi saq vettura bil-mutur b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz;

4. Bhala d-driver ta' vettura naqas, milli joqghod attent il-hin kollu u/jew naqas milli jiehu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega f'kull kantuniera;

5. Meta kien ser jibdel id-direzzjoni jew il-kors naqas milli jezercita l-kura u attenzjoni xierqa;

6. Bhala persuna li kien qed isuq jew kien inkarigat minn vettura bil-mutur, bi traskuragni, zamm, fixkel, jew qata' l-moghdija jew ma halliex skaplu ghal moghdija ta' vettura/i ohra;

7. U aktar talli bhala driver li kien qed isuq vettura, b'liema vettura gara xi incident li kien jinvolvi offiza fuq persuna ohra jew giet kagunata hsara lil xi vettura, annimal jew proprjeta' ohra, naqas milli jieqaf u naqas milli javza lill-Gwardjani Lokali u/jew lill-Pulizija minnufih, sabiex jaghtihom dik l-informazzjoni li tista' tkun mehtiega;

8. Akkuzat ukoll talli b'hekk ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' tlett xhur prigunerija sospizi ghal tmintax-il xahar, moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar id-29 ta' Jannar 2018;

Il-Qorti giet mitluba sabiex:-

a. Titratta ma' Paul Mallia bhala recediv ai termini ta' Artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza jew individwi ohra jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat ai termini ta'l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. B'zieda mal-piena, tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew jottjeni xi licenzja tas-sewqan kif mahsub f'artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda tal-partijiet.

Rat li l-partijiet kollha ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda fatti li sehhew nhar it-30 ta’ April 2018 meta l-imputat allegatament saq il-vettura tieghu (Land Cruiser bin-numru ta registrazzjoni LOW 726) ghal fuq il-vettura misjuqa minn certu Sage Gauci.

Illi xehedu diversi ufficjali tal-pulizija li b’xi mod jew iehor kellhom involviment f’dan il-kaz:

- L-Ispettur Spiridione Zammit kien l-ewwel Spettur li beda jinvestiga dan il-kaz. Huwa spjega[1] li meta gie infurmat bir-rapport baghat ghal Sage Gauci u ha l-verzjoni tieghu u anke ra filmat minn fuq pendrive li kellu l-istess Gauci; f’dan il-filmat kien jidher l-impatt bejn il-vetturi. L-ispettur Zammit anke mar flimkien ma’ Gauci biex dan jindikalu ezattament fejn beda l-incident u t-traggit li segwew. L-ispettur ha ukoll ritratti tal-vettura ta’ Gauci[2] li juru hsara mal-bieb ta’ wara man-naha tal-lemin, u fuq wara. Dan ix-xhud spjega ukoll li d-disgwid bejn Gauci u l-imputat kien ilu ghaddej[3] tant li fil-lejl ta’ qabel l-incident il-bieb tar-residenza ta’l-imputat inghata n-nhar u l-imputat kien qed jissusspetta li Gauci kellu x’jaqsam. Peress li minn din l-investigazzjoni preliminari ghall-kaz odjern deher li l-kaz kien jaqa’ taht id-distrett ta’ Hal Qormi huwa irrefera l-kaz lill-ispettur Kylie Borg.

- L-ispettur James Grech[4] spjega li fil-lejl bejn id-29 ta’ April 2018 u t-30 ta’ April 2018 l-imputat soffra hruq tal-bieb tar-residenza tieghu, f’liema hruq saret hsara mhux biss fi-bieb ta’l-imputat imma anke bibien ohrajn u f’diversi vetturi; huwa kien l-ufficjal investigattiv f’dak il-kaz. Tnax il-siegha wara (cioe ghall-habta tas-13.30 / 14.00) sehh l-incident odjern. Nhar l-1 ta’ Mejju 2018 ix-xhud inghata struzzjonijiet minghand is-

[1] Ref depozizzjoni a fol 42 et seq.
[2] Dawn huma esebiti bhala Dok SZ1 a fol 47.
[3] Kien hemm anke disgwid minhabba li kemm l-imputat kif ukoll Gauci kellhom relazzjoni ma’ l-istess persuna (f’zminijiet differenti).
[4] Depozizzjoni a fol 48 et seq.

superjuri tieghu biex jinvestiga l-incident odjern ukoll[5] flimkien ma'l-ispettur Kylie Borg mid-distrett ta' Hal Qormi. L-ispettur Grech kompla jispjega li dak in-nhar stess, f'l-1 ta' Mejju, huwa mar hdejn ir-residenza ta' l-imputat, cempillu u wara ftit l-imputat mar hemm ukoll bil-vettura LOW 726. L-ispettur spjegalu x'kienu l-allegazzjonijiet fil-konfront tieghu u ha ritratti tal-vettura[6] li juru xi hsarat. L-imputat pero minn fuq il-mobile phone tieghu wera lill-Ispetur Grech xi ritratti, mehudin xi xahar qabel, li juru l-istess hsarat. Ix-xhud kompla jispjega li fil-kors ta' l-investigazzjoni rrizulta li fil-hin li ghadda bejn il-hruq tal-bieb tar-residenza ta' l-imputat u l-incident odjern il-vettura ta' l-imputat dahet il-Belt ghall-habta tas-07.30 u inqabdet diversi darbi mill-cameras tac-CVA. L-ispettur Grech spjega li Sage Gauci, li kien suspettat fil-kaz tal-hruq, kien joqghod il-Belt. Fil-kors ta' l-investigazzjoni l-imputat allega li x'hin fil-ghodu kien qieghed inaddaf il-faccata tar-residenza tieghu, ghadda Sage Gauci jitbissilmu u hemm "*faqqalu switch*" (lill-imputat). Ix-xhud spjega li meta l-imputat gie rinfaccjat bil-fatt li huwa kien dahal il-Belt, dan allega li hu mar hemm biex jiehu lit-tarbija tieghu ghand ohtu li toqghod il-Belt[7]. Fuq mistoqsijiet tal-parte civile l-Ispettur Grech kjarifika li l-filmat ta' l-incident li gie mghoddi lill-pulizija sa dak il-hin ma kienx download mic-CCTV imma recording minn fuq mobile phone tal-filmat kif deher fuq ic-CCTV. Ikkonferma ukoll li mill-informazzjoni li kellhom Sage Gauci ma kienx wahdu fil-karozza u li mieghu kien hemm huh Sky Gauci. Huwa qal ukoll li l-vettura ta'l-imputat ma gietx elevati. Aktar minn hekk qal li mill-informazzjoni li ghandu l-imputat jahdem bhala tellar u sprayer u li ghandhu vetturi ohra minbarra l-land cruiser fuq imsemmija. Fil-kors tad-depozizzjoni tieghu x-xhud esebixxa ukoll l-okkorrenza relattiva[8]; zewg stimi mghoddija lilu minghand Sage Gauci[9]; informazzjoni mghodijja lill-pulizija minghand ic-CVA[10]; u CD bir-recording awdio-viziv ta' l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat[11]; kif ukoll id-dikjarazzjoni rilaxxjata mll-imputat meta nghata d-drittijiet tieghu[12]. L-ispettur Grech rega xehed[13] u prezenta il-filmat li juri l-incident u li gie downloaded mic-CCTV relattiv minn WPC 140[14]. In kontroezami[15] ix-xhud ikkonferma li fil-filmat n-number plate tal-vettura allegatament misjuqa mill-imputat ma jidhrux; ikkonferma li l-kostatazzjonjiet f'l-istqarrija dwar il-fatt li n-number plate ta' din il-vettura kien ileqq

[5] Ix-xhud esprima l-fehma tieghu li kien ikun ahjar jekk ikun xi hadd iehor li jinvestiga l-kaz odjern pero l-istruzzjonijiet baqghu li jinvestiga kollox hu.

[6] Dok JG2 a fol 73.

[7] Din l-informazzjoni ma inghatatx waqt ir-rilaxx ta'l-istqarrija imma fil-kors ta'l-investigazzjoni, wara li l-imputat kien inghata d-drittijiet tieghu pero qabel ma giet rilaxxjata l-istqarrija bil-miktub.

[8] Dok JG1 a fol 68 et seq.

[9] Dok JG3 u Dok JG4 a fol 74 u 76 rispettivament.

[10] Dok JG5 a fol 78 et seq.

[11] Dok JG6 a fol 83.

[12] Dok JG7 a fol 84.

[13] Depozizzjoni a fol 242 et seq

[14] Ic-CD huwa esebit bhala Dok JG8 a fol 244.

[15] A fol 345 et seq.

ghamilhom hu pero wara li kien ra r-ritratti; ikkonferma ukoll li lil Sage Gauci ma kellmux dwar l-incident imma kien kellmu l-Ispettur Zammit.

- L-ispettur Kylie Borg[16] spjegat li hi, flimkien ma' l-Ispettur James Grech kienet qed tinvestiga l-hruq mal-bieb tar-residenza ta' l-imputat u li fuq struzzjonijiet tas-superjuri taghha involviet ruhha ukoll f'l-investigazzjonijiet fil-kaz mertu ta' dawn il-proceduri. Hi ukoll rat il-filmat li kien gie mghoddi lill-Ispettur Zammit u talbet lic-CVA informazzjoni dwar il-movimenti tal-karrozza ta' l-imputat; hi kienet prezenti meta l-imputat irrilaxxja stqarrija. Ix-xhud ikkonfermat li qabel ir-rilaxx ta'l-istqarrija u fil-kors ta'l-investigazzjoni l-imputat qallhom li meta kien qed jhasel il-faccata Sage Gauci ghadda minn quddiem id-dar tieghu u peress li Gauci tbissimlu "*faqqalu switch*". Ix-xhud esebit kopja ta' sentenza datata 29 ta' Jannar 2018[17]. In kontroezami ikkonfermat dak il-kliem li kien qal l-imputat biex jispjega r-reazzjoni tieghu meta ra lil Gauci. Fit-tieni depozizzjoni taghha[18] ix-xhud prezentata sentenza ohra mghotija fil-konfront ta'l-imputat f'l-1 ta' Gunju 2011[19].

- WPC140 Christy Cremona[20] ikkonfermat li hi marret fir-residenza ta' Luke Piscopo, f' Misrah is-Sebgha ta' Gunju l-Hamrun, u minn hadet kopja tal-filmat mic-CCTV.

- PS1236 Joseph Gatt[21] li kien stazzjonat l-ghassa tal-Marsa ha r-rapport ta' Sage Gauci meta dan mar l-ghassa tal-Marsa; ma' Gauci kien hemm huh. Is-surgent ha l-verzjoni ta' Gauci, ra l-karozza li kien qed isuq Gauci u mar ifittex lill-imputat: l-ewwel il-Handaq fejn jahdem u mbaghad fir-residenza tieghu fil-vicinanzi tal-Crosscraft; dan kien ghall-habta tal-hamsa ta' wara nofs in-nhar. L-imputat fil-fatt kien hemm u lis-surgent qallu li ma kienx hareg mid-dar ghax kien qed jistenna lill-pulizija minhabba l-investigazzjoni dwar il-hruq. Is-surgent talab lill-imputat biex jara il-van pero l-imputat qallu li kien ghand il-mechanic ghal xi service u li kien hadulu qabel ma siefer.

Illi Sage Gauci xehed dwar dan l-incident[22]. Huwa jispjega li fil-gurnata in ezami kien qieghed barra ma' huh Sky; kien qed isuq karrozza ta' tip Toyota Vitz b'numru ta' registrazzjoni LCX 578. Jghid li f'xi hin kienu qeghdin Hal-Qormi hdejn il-Maltapost, fejn ir-roundabout tar-Regina Autodealer meta ra "*van skur gej rih ghalihom*". Huwa specifika li l-van kien Land Cruiser, kien

[16] Depozizzjoni a fol 260 et seq.
[17] Dok KB1 a fol 267.
[18] A fol 338.
[19] Dok KB1 a fol 340
[20] Depozizzjoni a fol 257 et seq.
[21] Depozizzjoni a fol 295 et seq.
[22] Depozizzjoni a fol 85 et seq.

gej gas down ipaqpaq u jteptep il-bright. Dan il-van "*tefa' hdejh*" u Gauci waqaf; l-imputat hareg mill-van, hareg kanna hoxna twila xi metru u beda gej ghalih ixejjer il-kanna. Gauci, li kien baqa' fil-karozza tieghu, jghid li hu beza' u saq biex jahrab pero l-imputat beda jsuq warajh. Gauci jghid li hu beda jipprova jisgixxa imma l-imputat lahqu, tah daqqa fuq in-naha tal-lemin tal-vettura u kwazi kien ser jaqilbu; Gauci kompla jsuq pero l-imputat rega' lahqu u tah daqqa ohra fuq in-naha tal-bieba ta' wara tieghu. Minn hemm Gauci jghid li saq sa' l-ghassa tal-Hamrun, kien hemm pulizija barra, kellmu, pero minhabba li kien hemm in-nies u beda jibza' hafna iddecida li jmur id-depot. Waqt li kien sejjer id-depot u kien wieqaf hdejn it-traffic lights ta' Blata-l-Bjada ra lill-imputat gej warajh, din id-darba b'karozza hamra zghira. Gauci jghid li l-imputat halla l-karozza tieghu f'nofs tat-triq xi erbgha karozzi warajh, hareg mill-karozza bil-kanna f'idejh u rega' kien sejjer ghalih. Meta ra hekk Gauci saq u baqa' sejjer lejn id-depot. Hemm mar fir-reception, xi hadd cempel l-ghassa tal-Marsa u Gauci mar hemm fejn finalment ghamel ir-rapport formali. Hu spjega ukoll li hu kellu tfajla: Tracy Aygun u wara li hassru bdiet tohrog ma' l-imputat u li hi u l-imputat kellhom tarbija; eventwalment regghet bdiet tohrog ma' Gauci. In kontroezami Gauci  jghid li fil-gurnata in ezami kien Hal Qormi, fil-vicinanzi tal-Crosscraft, ghax kien qed iwassal lil huh il-Belt. Pressat biex jaghti aktar dettali jghid li fil-fatt hu u huh kienu l-Marsa ghand stabbiliment jismu Reborn, u minn hemm marru dawra minn Hal-Qormi hdejn il-Crosscraft biex jiehu lil huh il-Belt. Mistoqsi ghalfejn, biex imur l-Belt mill-Marsa, kellu jghaddi minn Hal-Qormi, Gauci qal li kien hemm haddiehor fil-karozza mieghu u ma huh, certu Brandon Attard li joqghod il-Hamrun ftit qabel il-pjazza  u li kien ser iwassal lilu ukoll. F'dan l-istadju Gauci jghid li l-Marsa kienu hu, huh u Brandon; kienu qed jieklu f'stabbiliment jismu Reborn. Minn hemm l-ewwel wassal lil Brandon il-Hamrun u mbaghad kien ser jiehu lil huh il-Belt pero marru dawra hdaejn il-Crosscraft u f'dak l-istadju bdiet l-istorja ma' l-imputat. Mistoqsi jekk jafx fejn joqghod l-imputat Gauci qal li ma jafx u li qatt ma tkellem fuq hekk mat-tfajla. Gauci innega li l-gurnata ta' qabel l-incident huwa kien ghadda mill-istess post, cioe l-akwati tal-Crosscraft pero jghid li jah fejn jahdem l-imputat, cioe il-Handaq, ghax gieli sprejja ghandu.

Illi tressaq bhala xhud sid-il-vettura li kien qed isuq Sage Gauci: Rodney Degabriele[23]. Huwa jirrakkonta li kien qed jaghmel xoghol ta' dawl f'propjeta ta' Sage Gauci il-Belt stess u li fil-gurnata in ezami kellu bzonn xi haga (Gauci kien qieghed mieghu) ghalhekk baghtu jixtri mill-Hamrun jew mill-Belt. Ix-xhud spjega li huwa baghtu bil-karozza tieghu lil Gauci. Degabriele jghid li sar jaf x'gara eventwalment mill-ahbarijiet. Mistoqsi x'sar minnha l-karozza wara dan l-incident l-ewwel qal li ma jafx, mbaghad qal li qeghda ghat-tiswija x'imkien lejn Haz-Zebbug; zied li kien Gauci li ha hsieb johodha ghat-tiswija. Eventwalment jerga jghid li ma jafx x'sar minnha l-vettura pero zied li kienu haduh ghand xi hadd Haz-Zebbug biex jara l-karozza; jghid li cavetta wahda

[23] Depozizzjoni a fol 278 et seq.

kellu tal-karozza li kienet ghand Gauci u li ghalhekk hu spicca minghajr cavetta. In kontro-ezami x-xhud qal li fil-gurnata in ezami huwa ghadda ghal Gauci hdejn il-garaxx taghhom. Marru fejn kienu qed jahdmu u wara xi siegha Gauci qallu "*ha mmur nixtrilek*". Degabriele qal li marru fil-fond tal-familja Gauci ghax-xoghol ghall-habta tad-disgha jew l-ghaxra ta' filghodu. Mistoqsi mill-gdid fejn kien baghat lil Gauci biex jixtrilu, jghid il-Hamrun. Mistoqsi dwar l-polza ta' assikurazzjoni fir-rigwrad ta-vettura jghid li kienet tkopri lilu u persuni 'l fuq mill-wiehed u ghxorin sena. Ix-xhud qal ukoll li Gauci kien qallu li l-incident inqala minhabba li kellu xi argment ma xi hadd; li sar jaf lil Gauci ghax kien imur isarraf ic-cekkijiet ghandu; u li pruvaw jimplikawh fil-hruq tal-bieb tar-residenza ta' l-imputat. Zied li dak in-nhar ta' l-incident wara li Gauci telaq beda jcempel biex jara fejn qieghed pero hadd ma kellmu, ghalhekk cempel lil mara biex tmur ghalih hi.

Illi xehedu ukoll:

- Stephen Cachia in rapprezentanza ta' Transport Malta[24]. Huwa kkonferma li l-vettura b'numru ta' registrazzjoni LOW 726 (Land Cruiser ta kulur griz) hija propjeta ta'l-imputat[25]; u li l-vettura b'numru ta' registrazzjoni LCX 578 (Vitz ta' kulur silver) hija registrata fuq Rodney Joseph Degabriele. Huwa kkonferma li kemm Sage Gage kif ukoll l-imputat kellhom licenzja tas-sewqan valida fil-gurnata ta' l-incident[26].
- Luke Piscopo[27] li kkonferma li huwa ghandu CCTV mad-dar tieghu f'Misrah is-7 ta' Gunju 1919 Hamrun, u li kienu marru pulizija u hadu kopja tal-filmati. Huwa kkonferma ukoll li anke l-parte civile mar jiehu kopja tal-filmat.
- Johann Borg, impjegat ma' Michael Debono Limited li kkonferma l-stimi mghoddija lill-Ispettur Jame Grech minn Sage Gauci.
- John Zammit[28] in rapprezentanza ta' CVA, li kkonferma r-ritratti u l-informazzjoni mghoddija lill-pulizija.

Illi fil-kors ta' dawn l-proceduri gew nominati esperti biex jghinu fil-kostatazzjonijiet tal-fatti relevanti:

- Mario Butigieg gie nominat biex jezamina l-vettura ta' l-imputat[29]; l-inkarigu lilu mghoti mbaghad gie estiz biex jezamina l-vettura li kien qed qed isuq Sage Cauci u jaghmel ezami komparattiv bejn il-hsarat talvolta riskonrtrati[30]. Irrizulta pero li sa kemm l-espert nominat gie biex jezamina t-tieni vettura din gie distrutta kawza ta' nar. Mill-ewwel depozizzjoni

[24] Depozizzjoni a fol 28 et seq.
[25] Ref Dok SC1 esebit a fol 35 et seq; informazzjoni dwar LOW 729 a fol 35.
[26] Dwar din l-informazzjoni ref Dok SC2 a fol 172 et seq.
[27] Depozizzjoni a fol 232 et seq.
[28] Depozizzjoni a fol 253 et seq.
[29] Permezz ta' degriet mghoti f'l-24 ta' Mejju 2018.
[30] Permezz ta' degriet mghoti fit-8 ta' Ottubru 2018.

tieghu[31] u mir-rapport redatt in ezoneru ta' l-ewwel inkarigu mghoti[32] jirrizulta li l-Land Cruiser kellha hsarat fuq iz-zewg nahat taghha u anke fuq is-saqaf. Fit-tieni depozizzjoni[33] tieghu l-espert spjega li kien ghamel diversi tentattivi ma' Gauci biex ikun jista' jispezjona l-karrozza tieghu pero ma rnexxielux sa kemm eventwalment fid-19 ta' Novembru 2018 gie infurmat li l-vettura kienet mahruqa totalment meta kienet il-Hamrun u ghalhekk la seta' jikkonstata xi hsarat kienet garrbet il-vettura bhala rizulatat tal-incident in ezami u lanqas seta jaghmel ezami komparattiv bejn il-vetturi. L-espert pero wara li ezamina il-filmat esebit in atti, hareg stills mill-istess u seta jaghti stampa ta' kif sehh l-incident[34] u seta jikkonstata li l-impatt fil-Vitz misjuqa minn Gauci kien lura mill-pilastru tan-nofs. In kontro-ezami[35] jghid li mill-filmat li s-sewwieq tal-vettura l-kbira (il-Land Cruiser) ma kienx jidher u lanqas ma kien jidher in-number plate. Jghid ukoll li kull referenza ghal Paul Mallia fir-rapport tieghu hija bazata fuq l-informazzjoni mghotija lilu li dik il-vettura kienet ta'l-imputat.

- Keith Cutajar gie nominat biex jezamina l-mobile phone ta'l-imputat[36]. Mir-rapport esebit[37] mill-imsemmi espert jirrizulta li fit-30 ta' April 2018 l-mobile phone registrat fuq l-imputat kien qed jintuza mill-Belt mis-07.36hrs sa 08.02hrs, u li bejn 13.00hrs u 14.00hrs kien qed jintuza Hal-Qormi u l-Hamrun.

- Dr Marisa Mifsud giet nominata biex taghmel traskrizzjoni ta'l-istqarrija ta'l-imputat[38]. F'din l-isqarrija l-imputat, kif kellu dritt jaghmel, ghazel li ma jirrispondiex ghall-maggoranza tal-mistoqsijiet li sarulu. Il-mistoqsijiet li irrisponda ma jaghtu l-ebda informazzjoni utli ghal dan il-kaz. L-unika haga li eventwalment ikkonferma l-imputat hija li dak in-nhar ghall-habta tas-7.30am hu kien mar il-Belt allegatament biex jaghti xi hwejjeg tat-tifel lil ohtu.

Illi ghal kull buon fini jigi rilevat li minbarra il-persuni hawn fuq elenkati tressqu persuni ohra biex jixhdu waqt dan il-kaz. Dawn pero ngiebu bhala prova fil-kors tas-smiegh ta' rikors dwar ksur tal-kundizzjonijiet imposti ma' l-ghoti tal-helsien mill-arrest fil-proceduri odjerni. Dak li qalu dawn ix-xhieda ma' kellu l-ebda relevanza fir-rigward tal-mertu ta'l-imputazzjonijiet odjerni u ghalhekk kien ikun ezercizzju inutli li d-depozizzjoni taghhom tigi riprodotta, anke jekk in sintezi.

---

[31] A fol 200 et seq.
[32] Dok MB1 a fol 204 et seq.
[33] A fol 316 et seq.
[34] Ir-rapport relattiv huwa esebit Dok MB2 a fol 319 et seq.
[35] A fol 359 et seq.
[36] Permezz ta' degriet mghoti f'l-24 ta' Mejju 2018.
[37] Dok KC 1 a fol 218 et seq, prezentat waqt id-depozizzjoni tieghu a fol 215.
[38] Hi giet nominata permezz ta' degriet mghoti fit-12 ta' Novembru 2018 u t-traskrizzjoni hija esebita bhala Dok MM1 a fol 304.

## KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PROVI

Ikkunsidrat

Illi f'dan l-istadju huwa opportun li jsiru xi osservazzjonijiet dwar il-provi prodotti.

Illi karatteristika komuni bejn ix-xhieda "pajzana" principali: Sage Gauci u Rodney Jospeh Degabriele, u l-imputat (fir-rigward ta dak il-ftit li qal lill-pulzija fil-kors ta'l-investigazzjoni) hija n-nuqqas ta' kredibilita taghhom. Gauci u Degabriele mhux biss jikkontradixxu lil xulxin imma jghidu affarijiet li assolutamenti mhumiex verosimili. L-imputat da parti tieghu huwa kontradetti minn fatti ohra li jirrizultaw b'mod inkonfutabbli mill-atti processwali.

Illi Sage Gauci jallega li ma kienx jaf fejn kien jirrisjedi l-imputat, dan minkejja li t-tfajla tieghu (ta' Gauci) kienet tohrog ma' l-imputat u anke ghandhom tarbija flimkien. Gauci jallega li fil-gurnata in ezami hu kien qieghed il-Marsa ma huh u siehbu jieklu f' stabbiliment jismu Reborn il-Marsa; Degabriele pero jghid li Gauci kien mieghu qed jaghmlu xoghol ta' elettriku f'propjeta tal-familja Gauci u li Gauci telaq minn hemm biex jixtirlu xi haga li kellu bzonn ghax-xoghol. Gauci jitkellem fuq il-karozza bin-numru ta' registrazzjoni LCX 578 daqs li kieku kienet tieghu ghalkemm kienet registrata fuq Degabriele. Degabriele min-naha l-ohra jghid li dik kienet il-karozza tieghu, u li kien juzaha regolarment tant li wara l-incident spicca juza taxi ghax ma kellux karozza x'jsuq. Aktar minn hekk Degabriele jghid li dak in-nhar hu halla lil Gauci jsuq il-karozza tieghu biex ikun jista' jmur jixtrilu il-clips li kellu bzonn. Gauci pero jghid li fil-gurnata in ezami hu kien il-Marsa ma huh u siehbu u li mill-Marsa ried iwassal lil siehbu il-Hamrun hdejn il-pjazza biex mbaghad iwassl lil huh il-Belt. Biex mill-Hamrun imur il-Belt ghadda minn Hal-Qormi u "b' kumbinazzjoni" ghadda minn fejn kien joqghod l-imputat, cioe 'l isfel mill-Crosscraft. Jghid ukoll li meta wara l-incident irnexxielu jisgixxa lill-imputat baqa' sejjer l-ghassa tal-pulizija l-Hamrun, hemm kellem il-pulizija u ghax, skond ma jallega, kien hemm hafna nies telaq 'l hemm ghax kien qed jibza. Mill-affarijiet kollha inverosimili li qal Gauci din hija l-aktar asserzjoni inkredibbli u li tmur kontra kull logika; kieku verament kien qed jibza daqs kemm qal li kien qed jibza kien jibqa l-ghassa tal-pulizija sa kemm jaghmel ir-rapport u jitlob il-protezzjoni tal-pulizija, mhux jitlaq u jmur id-depot fejn huwa risaput li ma jsirux rapporti, dan bil-possibilita li jerga jsiebu l-imputat. L-unika parti mir-rakkont ta' Gauci li tista' tinghata affidabilita tirreferi ghal l-insegwiment u l-impatt; dan ir-rakkont tieghu huwa in parti korroborat minn dak li jidher fil-filmat mehud mic-CCTV.

Illi Degabriele da parti tieghu, mhux biss kien xhud riluttanti ghall-ahhar imma jikkontradixxi lilu nnifsu, huwa kontradett minn Gauci, u minn kull logika.

Illi l-imputat min-naha l-ohra allega li l-vettura LOW 726 ma kenitx ghandu ghax kienet ghas-service, u innega li mar il-Belt fil-gurnata in ezami ghalkemm eventwalment jammetti li mar il-Belt pero jghid li mar biex jaghti xi hwejjeg lil ohtu. Kuntrarjament ghal dak li jghid l-imputat informazzjoni migbura mic-CVA turi li l-vettura tieghu dahlet il-Belt. Aktar minn hekk jidher li l-imputat mhux sempliciment dahal il-Belt, mar ghand ohtu, u rega' hareg imma qaghad idur il-Belt, fejn incidentalment joqghod Gauci. Dan ghaliex il-vettura tieghu inqabdet diehla u hierga mid-diversi cameras li ghandhom ic-CVA madwar il-Belt. Kieku verament mar il-Belt ghand ohtu kien jidhol darba u johrog darba, mhux jidhol u johrog minn toroq diversi.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma' tantx tista taghti affidabilita lil dawn ix-xhieda f' dak li jghidu. Dan pero ma jfissirx li l-imputat ghandu necessarjament jigi liberat ghaliex tressqu provi ohra, provi li huma fattwali u li l-Qorti tista' taghtihom affidabilita[39].

Illi bla dubbju ta' xejn l-aktar prova importanti u relevanti hija l-filmat mehud mic-CCTV. Dan juri vettura ta' tip Toyota Vitz ghaddejja b'certu velocita fil-karreggjata tax-xellug u Land Cruiser fil-karreggjata tal-lemin. F'hin minnhom ezatti qabel bend it-Toyota, li quddiemaha kien hemm van kbir, tidher hierga fil-karreggjata tal-lemin; il-Land Cruiser lahqa maghha u baqa diehel fiha, u jerga jaghtiha daqqa ohra. Wara din it-tieni daqqa z-zewg vetturi komplew isuq wahda wara l-ohra fil-karreggjata tax-xellug sa kemm wara ftit l-Land Cruiser terga tohrog ghall-karreggjata tal-lemin u minn hemm terga ssuq dritt ghall-fuq il-Vitz.

Illi kif gustament jirrikmarka d-difensur ta'l-imputat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu f'dik il-parti tieghu l-filmat ma jurix in-number plates tal-vetturi koncernati u lanqas s-sewwieqa. Minkejja dan il-karozzi li jidhru fil-filmat huma ta'l-istess marka u kulur tal-karozzi li fil-gurnata in ezami kienu misjuqa mill-imputat u minn Sage Gauci.

Illi l-filmat mhux l-unika prova in atti, u l-Qorti hija obbligata tevalwa l-provi f'l-assjem taghhom u ghalkemm fil-mument ta'l-impatt in-numri tal-vetturi ma jidhrux u lanqas jidher is-sewwieq hemm provi ohra indiretti li a bazi taghhom il-Qorti tista' tikkonkludi li s-sewwieq tal-Land Cruiser kien l-imputat.

Illi f'dan ir-rigward ghandu jinghad li l-principji regolaturi fir-rigward ta' provi indizjarji huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fil-kamp kriminali l-provi jistghu jkunu kemm diretti kif ukoll indizjarji, basta dawn ta' l-ahhar ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant l' hemm minn kull dubju ragonevoli mir-reita ta'l-imputat[40]. Fil-fatt il-provi cirkostanzjali jistghu jitqiesu bhala prova ammissibbli jekk huma univoci u jwasslu ghall-konkluzzjoni wahda[41].

Illi fil-fatt il-Qorti hija sodisfatta li l-provi juru li fil-gurnata in ezami xi hin wara li nharaq il-bieb tar-residenza tieghu l-imputat mar lejn il-Belt, fejn joqghod Sage Gauci, u dahal u hareg diversi drabi minn entry u exit points differenti. Aktar tard fil-gurnata, issa kmieni wara nofs in-nhar Sage Gauci ghadda hdejn ir-residenza ta' l-imputat. Minhabba s-suspetti li l-imputat kellu fil-konfront ta' Gauci, u minhabba li Gauci tbissem meta ra lill-imputat jahsel il-faccata, l-imputat, kif del resto ammetta ma'l-ufficjali prosekuturi "*faqqalu switch*" u mar isgwih.

Illi f'dan ir-rigward u kif rilevat mill-prosekuzzjoni fin-nota ta' sottomissjonjiet taghhom konfessjoni tista' tingieb bhala prova anke jekk maghmula bil-fomm. Fil-fatt l-artikolu 658 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittieħed bi prova kontra min ikun stqarrha*. Aktar minn hekk ai termini ta'l-artikolu 659 tal-Kapitolu 9 minkejja li meta konfessjoni tkun ittiehdet bil-miktub ghandha tingieb dik il-kitba bhala prova, *xejn ... ma jimpedixxi li tittieħed bħala prova kull konfessjoni oħra bil-fomm li tkun saret qabel jew wara.*

Illi l-ispetturi Grech u Borg iddikjaraw bil-gurament taghhom li l-imputat ghamel dik l-asserzjoni quddiemhom wara li kien infurmat bid-dritt tieghu tas-silenzju u wara li kien inghata dritt li jikkonsulta ma' avukat. Il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn m'ghandhiex taccetta l-verzjoni taghhom bhala wahda veritjiera.

Illi ghandu jigi rilevat ukoll li fil-filmat esebit ma giex registrat biss l-avvicinament taz-zewg vetturi u l-impatt, imma anke dak li gara wara. Fil-fatt fil-00:43:11 il-Land Cruiser tidher wieqfa wara l-ahhar impatt u jidhru xi nies hdejha. Meta l-Land Cruiser terga' ssuq dawk in-nies jidhru jigru 'l isfel. Fil-00:45:28 il-Land Cruiser tidher terga qed issuq lejn id-driezzjoni minn fejn kienet gejja u fil-00:45:45 dawk l-istess persuni li qabel kienu qed iduru maghha u jigru 'l isfel jidhru qed jaqsmu t-triq u jergghu jersqu lejha. F'dak il-mument is-sewwieq jidher fil-filmat.

---

[40] Ref Pulizija vs Paul Grech (Appell Kriminali 06.04.2001); Pulizija vs James Abela (Appell Kriminali 11.07.2002)
[41] Ref Pulizija vs Carmelo Calleja (Appell Kriminali 07.05.2010)

Illi tenut kont tas-suespost l-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li l-Land Cruiser li tidher fil-filmat hija l-vettura ta'l-imputat u li kien propju l-imputat li kien qed isuqha fil-hin ta'l-insegwiment u l-impatt. Il-Qorti lanqas ghandha dubbju li f'xi hinijiet waqt l-insegwiment l-imputat kellu kanna f'idejh u avvicina l-karozza ta' Gauci b'din il-kanna.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel inputazzjoni migjuba kontra tieghu l-imputat qed jigi addebietat b'attentat ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' Sage Gauci jew xi persuna ohra.

Illi skond il-gurisprudenza biex jissusti r-reat ta'l-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Huwa ben stabbilit li:

> *Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu*.[42]

Illi tenut kont li dak li huwa rikjest biex jissussisti r-reat ta' offiza volontarja huwa l-intenzjoni generika li tigi kawzata hsara, ghal xi zmien kien hemm dibattitu dwar jekk hux koncepibbli t-tentattiv ta' offiza fuq il-persuna. Fi kliem il-Professur Mamo:

> *The principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible[43].*

Illi pero l-Professur Mamo jkompli hekk:

> *Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo[44].*

---

[42] Ref Pulizija vs Emanuel Zammit Appell Kriminali deciz 30.03.1998.
[43] Ref Notes on Criminal Law Vol II pagna 226.
[44] Ref op cit pagna 227.

Illi referenza ghal dan id-diskordju taghmilha ukoll l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Repubblika vs Domenic Briffa[45]:

*Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) ighid f'pagna 79:*

*"Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo."*

*Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima,* ***purche' jigi pruvat li l-agent kellu l- intenzjoni***

[45] Deciza fis-16.10.2003.

*specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz*[46]*. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl- ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit- tieni lok.*

Illi tenut kont ta' dan l-insenjament biex tissussisti imputazzjoni ta' tentattiv ta' offiza gravi, mhux sufficjenti l-intenzjoni generika li tigi kawzata hsara imma l-intenzjoni specifika ta'l-agent li jikkaguna xi wahda mill-konsegwenzi elenkati f'l-artikolu 216[47] tal-Kapitolu 9. Meta tirrizulta intenzjoni generika l-agent jirrispondi biss ghal dawk il-konsegwenzi li effettivament jirrizultaw. Meta tirrizulta l-intenzjoni specifika iridu jigu pruvati ukoll l-elementi necessarji biex ikun jista' jinghad li fil-fatt kien hemm tenttativ.

Illi ai termini ta'l-artikolu 41 tal-Kapitolu 9 biex ikun hemm tentattiv ta' reat iridu jigu pruvati dawn l-elementi essenzjali:

- Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat;
- Bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt; u
- In-nuqqas ta'esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi ndipendenti mill-volonta tal-hati.

Illi l-atti esterni huma l-atti preparatorji maghmula b'l-intenzjoni specifika li jigi komess delitt, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju dwar liema reat ikun qed jigi ikkontemplat. Dawn l-atti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat-tentattiv jekk l-hati ma jkunx ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt. Illi fi kliem il-Professur Sir Anthony Mamo:

*To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the mens rea, nor if it goes no further than the stage of preparation… So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in appearance is or can be innocent can be considered as a*

[46] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[47] Jew ta'l-artikolu 218.

*commencement of another offence. When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in order to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute the actual commission of the crime. If the act forms an integral part of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and is such that, however much repeated, it could never accomplish the consummation of that crime, the act is not an act of execution.*

Illi dwar id-distinzjoni bejn atti preparatorji u atti li jimmarkaw il-bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt, u n-nuqqas ta' linja cara ta' demarkazzjoni bejnithom esprimiet ruhha l-Qorti ta'l-Appell Kriminali fis-sentenza mghotija fil-kawza Pulizija vs Godfrey Ciangura[48]:

*Fuq id-distinzjoni bejn atti preparatorji u atti li jammontaw ghal bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt inkitbu volumi shah; u hafna huma wkoll dawk it-teoriji li gew proposti biex jghinu lill-gudikant jasal biex jigbed linja ta' demarkazzjoni bejn atti preparatorji u atti ezekuttivi. ... Fil-fatt, pero', il-qrati taghna, qatt ma intrabtu ma' xi teorija wahda partikolari, u dan peress li kull teorija tista' tghid li ghandha id-difetti taghha. U fir-realta' il-linja ta' demarkazzjoni bejn atti preparatorji u atti ezekuttivi wiehed jista' aktar isibha billi japplika l-buon sens fl-analizi tal-fatti li jkunu rrisultaw f'l-isfond tar-reat partikolari li tieghu ikun qed jigi allegat li kien hemm tentattiv milli billi jintrabat ma' xi teorija partikolari.*

Illi b'applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-kaz in ezami dak li jrid jigi pruvat biex tissussisti l-ewwel imputazzjoni huwa intenzjoni specifika ta'l-imputat li jikkawza wahda mill-konsegwenzi elenkati f'l-artikolu 216, u li din l-intenzjoni intweriet b'atti esterni; irid jigi pruvat ukoll li permezz ta'l-atti imwettqa mill-imputat bdiet tinghata esekuzzjoni tad-delitt.

Illi mill-atti ma jirrizultax li l-imputat refa' idejh jew prova jerfa' idejh fuq Sage Gauci, lanqas ma jirrizulta li tah jew prova jaghtih xi daqqiet bil-kanna li kellu f'idejh sia fi stadju inizjali ta'l-incident meta kienu ghadhom hdejn ir-roundabout tar-Regina Autodealer u sia f'l-ahhar stadju meta kienu Blata-l-Bajda hdejn il-lights. Fiz-zewg istanzi Sage Gauci kien fil-karozza tieghu u ghalkemm l-imputat hareg mill-vettura tieghu u beda jxejjer il-kanna fil-waqt li jersaq vicin tal-vettura ta' Gauci, Gauci qadab u saq l' hemm minghajr mal-

[48] Deciza 10.06.2002

imputat ghamel xi atti ohra. Bejn dawn iz-zewg episodji meta l-imputat kien qed isegwi lil Gauci u l-imputat irnexxielu jilhaq lil Gauci huwa habat go fih intenzjonalment; Gauci ma soffra l-ebda griehi.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi ma jistax jinghad li giet pruvata 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-atti li wettaq l-imputat (meta xejjer il-kanna u meta laqat il-vettura misjuqa minn Gauci) juru l-intenzjoni specifika li jikkawza xi wahda mill-konsegwenzi elenkati f'l-artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wisq anqas jista jinghad li kienu jimmarkaw il-bidu ta'l-esekuzzjoni ta' xi delitt komtemplat f'l-artikoli 214 et seqitur tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Konsegwentement l-ewwel imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Ikkunsidrat

Illi l-istess ma jistax jinghad ghat-tieni immputazzjoni.

Illi mill-provi prodotti u kif jirrizulta mill-kunsiderazzjonijiet dwar l-ewwel imputazzjoni l-imputat, darbtejn, saq dritt ghal fuq il-vettura misjuqa mill-imputat, propjeta ta' Rodney Degabriele u ikkawzala diversi hsarat.

Illi m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-azzjoni ta'l-imputat kienet voluta u ghalhekk huwa ghandu jwiegeb ghall-hsara li effettivament giet ikkawzata.

Illi gew prezentati zewg stimi: Dok JG3, datata 30 ta' April 2018; u Dok JG4 datata 3 ta' Mejju 2018. Jirrizulta mill-atti li l-ewwel stima tirreferi biss ghall-parts, u t-tieni stima, fil-waqt li tinkludi l-istess parts elenkati f'l-ewwel stima, tinkludi ukoll il-prezz tal-labour u kiri ta' karozza ghal tnax il-gurnata. Din it-tieni stima, minghajr il-prezz ghall-kiri ta' karozza[49] tammonta ghal erbghat elef hames mija u hamsin Euro u tlettin centemu (€4550.30).

Illi konsegwentment din l-imputazzjoni tirrizulta kif dedotta.

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat b'sewqan traskurat, bla kont u perikoluz,

Illi huwa pacifiku f'l-ordinament guridiku taghna x'jikkostitwixxi sewqan traskurat, bla kont, u perikoluz:

---

[49] Dan l-ammont, ghalkemm jista' jkun relevanti ghall-komputazzjoni ta' danni f'kawza civili, ma jistax jittiehed in konsiderazzjoni ai fini ta' komputazzjoni ta' hsara kwazata ai fini ta' responsabbilta penali.

*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq ilmod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

*Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.*

*Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-propjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel.*[50]

Illi naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan. F'l-istess sentenza hawn kwotata gie ritenut ukoll li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' *recklessness* li giet definita bhala *wilfully shutting one's eye*. Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali.

Illi mill-provi processwali u partikolarment dak li jidher fil-filmat esebit jirrizulta ampjament li s-sewqan da parti ta'l-imputat jaqa' taht definizzjoni ta' sewqan perikoluz ghaliex, tenut kont li fil-hin ta'l-incident kien hemm traffiku iehor, permezz tal-mod kif kien qed isuq l-imputat mhux biss deliberatament ha riskji li ma kellux jiehu minhabba l-probabilita li jikkawza hsara, imma kien ta' perikolu ghal terzi u ghall-propjeta taghhom.

Illi permezz ta'l-imputazzjonijiet numru erbgha sa sebgha l-imputat qed addebietat b' reati ta' natura kontravvenzjonali li jirreferu ghal ksur ta' diversi regoli tat-traffiku fil-kors ta'l-episodju fuq imsemmi. Min ezami tal-filmat esebit dawn in-nuqqasijiet kollha jirrizultaw.

50 Ref Pulizija vs Alfred Mifsud Appell Kriminali deciz 06.05.1997.

Illi ghalhekk l-imputazzjonijet tlieta sa’ sebgha jirrizultaw sodisfacjentement pruvati.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta’ l-ahhar zewg imputazzjonijiet l-imputat qed jigi akkuzat li ikkommetta r-reati odjerni fil-perjodu operativ ta’ sentenza sospiza u li huwa recidiv ai termi ta’l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi in sostenn ta’ dawn l-imputazzjonijiet gew prezentati zewg sentenzi:

- wahda datata 29 ta’ Jannar 2018 peremzz ta’liema l-imputat gie ikkundannat tlett xhur priguneirja sospizi ghal tmintax il-xahar; u
- wahda datata l-1 ta’ Gunju 2011 permezz ta’ liema gie ikkundannat multa.

Illi r-reati odjerni sehhew fit-30 ta’ April 2018 ghalhekk zgur li fil-perjodu operativ tas-sentenza sospiza mghotija fil-29 ta’ Jannar 2018.

Illi la darba qed jirrizulta li fil-passat l-imputat kien ikkundannt ghal xi reati huwa ghandu jitqies recidiv fit-termini ta’l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi konsegwentement dawn l-ahhar zewg imputazzjonijet jirrizultaw sodisfacjenetment pruvati ukoll.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qoti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. B’mod partikolari hadet in konsiderazzjoni l-fatt li r-reati odjerni gew kommessi tlett xhur biss wara li l-imputat inghata sentenza sospiza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta’ l-ewwel imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-artiklu 28A, 28B, 49 u 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, u r-Regolamenti 67(1)(5), 75, 76, u 77(1) ta’l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994 issib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u taghhom tikundannah **tmintax il-xahar prigunerija** u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28B tal-Kaptiolu 9 qed **idahhal fis-sehh is-sentenza sospieza mghotija fid-29 ta’ Jannar 2018 permezz ta’ liema l-imputat gie ikkundannat tlett xhur prigunerija**.

In oltre u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tiskwalifika **lill-imputat minn kull licenzja ta-sewqan ghal perjodu ta’ sitt xhur** liema perjodu ghandu jibda jiddekorri wara li l-imputat

jiskonta z-zewg perjodi ta' prigunerija fuq imsemmija; b'applikazzjoni ta'l-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna **l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta l-vettura b'numru ta' registrazzjoni LOW 726**; u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed **tordna lill-imputat biex ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' elf sebgha mija erbgha u tlettin Euro u wiehed u sebghin centezmu (€1734.71)** rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta' esperti.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**